## IRA DEORUM

*Harbex ftit versi; hares lejhom sewwa*
*U qam bil-ġirja minn fejn kien bilqiegħda;*
*"Shakespeare u jien, il-lum sirna ta' ġewwa",*
*Għajjat, u ssokta, "jiena l-lum poeta".*

*U l-għada ħarbex aktar. Waħħal f'rasu*
*Li bħalu ħadd ma deh'r għall-poeżija,*
*U f'dak il-waqt ta' ġenn l-imsejken Masu,*
*Farrak bust Shakespeare fuq l-iskrivanija.*

*Fil-Qorti ta' l-allat tal-poeżija,*
*Deh'r is-Sur Masu b'ħafna frak f'idejh;*
*U beża' w beda jibki bħal tarbija,*
*X'ħin ra l-allat iħarsu lkoll f'għajnejh.*

*Seħtuh l-allat kburin, u għalenija*
*Ġegħluh jiekol il-frak bi ħlas tal-ħtija.*

11 ta' Jannar 1951 — P. MARIANUS VELLA O.F.M.

## FID-DAR TA' BETHANJA

*"Konna ngħixu flimkien fis-sliem, fl-imħabba,*
*Lazzru u jien, u wild il-ġmiel, Marija;*
*Bqajn'aħna t-tnejn, il-ġieħ ta' darna ttabba',*
*Marija ħarbet, qiegħda tgħix fil-ħtija.*

*Taħt dan is-saqaf kienet tgħix ta' għanja,*
*Darna b'kull ġid u risq kienet mimlija;*
*Mhawnx dar ifqar minn tagħna ġo Bethanja*
*Mindu Marija tilfet il-mistħija."*

*Waqfet u bkiet. U Kristu kollu ħlewwa*
*Resaq lejn Marta w qallha, "Terġa' l-hena'*
*F'did-dar li jien ħabbejt. Ngħidlek fis-Sewwa,*
*B'ħarsa nirbaħ il-qalb tal-Maddalena.*

*U Marta ferħet, niżlet għarkobbtejha*
*Tqim lil Bin-Alla li kien wieqaf ħdejha.*

19 t'Ottubru 1948. — P. MARIANUS VELLA O.F.M.